**Kunsill**
**tal-Unjoni Ewropea**

**Brussell, 12 ta' Diċembru 2017**
**(OR. en)**

**15577/17**
**ADD 2**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0282B (COD)**

**CODEC 2049**
**AGRI 688**
**AGRILEG 249**
**AGRIFIN 132**
**AGRIORG 124**
**AGRISTR 115**
**VETER 124**
**PHYTOSAN 27**

**NOTA PUNT "A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), (UE) Nru 1306/2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1307/2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u (UE) Nru 652/2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv<br>= Dikjarazzjoni |

## Dikjarazzjoni min-Netherlands

In-Netherlands japprezza l-isforzi tal-Presidenza biex tilħaq qbil ta' kompromess dwar id-dispożizzjonijiet agrikoli tal-proposta Omnibus. B'mod partikolari, in-Netherlands jilqa' l-eżiti dwar ir-regolament orizzontali, ir-regolament dwar il-pagamenti diretti u r-regolament dwar l-organizzazzjoni tas-suq komuni.

Madankollu, in-Netherlands għandu tħassib dwar it-tnaqqis tal-limitu ta’ ħsara applikabbli għall-assigurazzjoni tal-uċuh tar-raba’, l-annimali u l-pjanti minn 30% għal 20%. In-Netherlands bħalissa għandu skema ta’ assigurazzjoni għall-istaġuni kollha li taħdem tajjeb b’limitu fis-seħħ ta’ 30%. Jekk jitnaqqas il-limitu ta' ħsara, il-pagamenti ser jiżdiedu u jsiru aktar frekwenti. Din is-sitwazzjoni ser tirriżulta f’żieda fil-premium, li mbagħad tagħmel pressjoni fuq is-sehem tal-bdiewa fl-iskema ta’ assigurazzjoni għall-istaġuni kollha. Barra minn hekk, skont ir-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), is-sussidju applikat għall-premium ser jiċċaqlaq mill-kaxxa l-ħadra għall-kaxxa l-oranġjo li toħloq distorsjoni fil-kummerċ. Għar-raġunijiet imsemmijin hawn fuq, in-Netherlands jixtieq jastjeni minn vot dwar din il-proposta.